Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 55
# It-Tlieta 14 ta'Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai
Is-Sur Charles Selvaġġi
Is-Sur Lino Bartolo
Is-Sur Emanuel Brincat
Is-Sinjura Romina Galea
Is-Sur Maurice Agius

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

il-Viċi Sin Alex Sciberras
Is-Sur Alan AbelaWadge
Is-Sur Matthew Agius
Is-Sur Matthew Mangion Chaiperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

55.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

55.1.02 Qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

55.1.03 Qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

55.1.04 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

### 55.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

55.2.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand l-*Electoral Office, is-Sur Jeffrey Ellul* , biex jiġi stabbilit rigward Triq Testaferrata
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew fil-qosor u qablu li jiddeċiedu fis-seduta li jmiss.

### 55.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2016;

55.3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda ir-rapport amministrattiv għas-sena 2016 għal kunsiderazzjoni
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet li nduru r-rapport u jsiru suġġerimenti għall-emendi fejn meħtieġ.
Il-kunsilliera prezenti għamlu l-proposti tagħhom iddiskutew u approvaw il-preżentazzjoni finali għar-Rapport amministrattiv għas- sena 2016

### 55.4 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

55.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda dokument għat-tender għal ġbir ta' skart imħallat. Qara u spjega fid-dettal il-ġbir ta' skart imħallat mid-djar residenzjali esklużi stabbilimenti kummerċjali ,*litter* u *dog bins* .

Il-kunsilliera prezenti għamlu xi mistoqsijiet , iddiskutew u approvaw id-dokument.

55.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda dokument għat- tender għal knis u ħasil tat-toroq. Qara u spjega fid-dettal il- kontenut tad-dokument li jinkludi tagħrif ta' toroq u skeda ta' ġranet bil-ħinijiet u festi li għandu jingħata is-servizz u kundizzjonijiet oħra li jipprovdu għal bżonnijiet tal-kunsill.

Il-kunsilliera prezenti għamlu xi mistoqsijiet u suġġerimenti fuq l-iskeda u wara li ddiskutew approvaw id-dokument.

55.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti li ser jitlob parir ta' kif għandu jimxi fuq it-tender għal ġbir ta' bulky refuse minħabba s-sitwazzjoni preżenti.
Il-kunsilliera  prezenti ddiskutew u qablu li nieħdu parir.

## 55.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

55.5.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-28 ta' Marzu 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 28 ta' Marzu 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |